MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 523/2010

**Malta Shipyards Limited**

***kontra***

**Patron Group Limited u Paul Attard**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-21 ta` Mejju 2010 li jaqra hekk –

*1. Illi l-esponenti tinsab kreditrici tas-socjeta' intimata Patron Group Limited fis-somma ta' wiehed u tletin elf u erbatax-il Ewro u sebgha u tletin centezmu (€31,014.37) bilanc tal-prezz, inkluz VAT, ta' xoghlijiet, riparazzjonijiet u servizzi esegwiti u moghtija lill-bastiment M.V. Mirkurt fuq inkarigu tar-rapprezentanti tieghu, kif*

*jirrizulta mill-ftehim li kopja tieghu qed tigi hawn annessa (Dokument A) ;*

*2. Illi f'Dicembru 2009 l-intimat Paul Attard irrikonoxxa dan il-kreditu tal-esponenti kontra s-socjeta' intimata Patron Group Limited, u obbliga ruhu li jhallasha immedjatament s-somma shiha hekk dovuta ;*

*3. Illi madankollu, la l-intimata Patron Group Limited u lanqas Paul Attard ma hallsu xejn minn dan id-dejn, u b'hekk is-somma shiha ghadha dovuta sal-lum ;*

*4. Illi jezistu l-elementi kollha preskritti bid-disposizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut, u fil-fehma tal-esponenti l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont imsemmi ;*

*Ghaldaqstant, prevja kull dikjarazzjoni li tista' tirrizulta mehtiega, l-esponenti titlob bir-rispett li, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti joghgobha :*

*i. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili ;*

*ii. konsegwentement tordna lill-intimati Patron Group Limited u Paul Attard, flimkien u in solidum bejniethom, ihallsu lill-esponenti s-somma ta' wiehed u tletin elf u erbatax-il Euro u sebgha u tletin centezmu (€31,014.37) prezz ta' xoghlijiet u servizzi moghtija lill-bastimenti M.V. Mirkurt kif fuq spjegat.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk taz-zewg ittri ufficjali datati 14 ta' Ottubru 2008 u 16 ta' Dicembru 2009*

*rispettivament, u bl-imghaxijiet legali mill-14 ta' Ottubru 2008 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimati, li jibqghu ngunti minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku tad-dokumenti esebiti minnha.

Rat illi Dr. Patrick Valentino fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2010 iddikjara li l-konvenuti, li huma l-assistiti tieghu, taw ruhhom b'notifikati bl-atti promotorji.

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mil-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali.

Rat li l-konvenuti msejha sabiex jidhru fl-udjenza tal-lum baqghu ma dehrux.

Qieset l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors mahluf jirrizultaw ippruvati.

Fil-kontumacja tal-konvenuti, tiddeciedi din il-kawza billi –

**1. Tilqa` l-ewwel talba u taqta` l-kawza minghajr smigh.**

**2. Tilqa` t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenuti sabiex flimkien u in solidum bejniethom ihallsu s-somma ta' wiehed u tletin elf u erbatax-il Euro u sebgha u tletin centezmu (€31,014.37) bl-**

**imghax kif mitlub, rapprezentanti prezz ta’ xoghlijiet u servizzi moghtija lill-bastimenti M.V. Mirkurt.**

**3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluz dawk tal-ittri ufficjali datati 14 ta’ Ottubru 2008 u 16 ta’ Dicembru 2009.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------